GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 9 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Approvazzjoni tal-*Part-time Clerk*
5. Tmexxijja tal-Grawnd;
6. Progett tankijiet taz-Zejt;
7. Attivitajiet tal-Milied;

10. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

---

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta precedenti Nru 8 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li kien hemm rimarka minn naha tas-Segretarju ghal sentenza li ried izid is-Sindku f'item 5 fit- 3 pargrafu zdiedet din is-sentenza. (**Rigward nuqqas ta' qbil bejn is-Segretarju u s-Sindku dwar x'intqal mill-haddiema tal-IPSL gie deciz li ssir laqgha bejn il-haddiema tal-IPSL u l-Kunsill).**

Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Minuti gew approvati wara li ssekonda is-Sur Picco.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar l-attivita tad-Dogstrust li ser issir fit-8 ta' Dicembru 2009, gie deciz li jigi ikkuntatjat id-Dipartiment tal-Pulizija fejn jghallmu l-klieb biex jaraw tistax issir wirja tal-klieb f'din il-gurnata. Sar qbil li din l-attivita ssir fuq Santu Rokku.

**3.1 Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- (Both mail & e-mail):-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar 'Konferenza Lokalitajiet Sostenibbli', li saret fit-2 ta' Novembru, 2009, li attenda għaliha s-Sindku. Mingħand id-Direttur fejn infurmana li it-tahdidiet dwar ġbir ta' skart minn intrapriżi kummerċjali ghadhom ghaddejjin u mitluba sabiex ma tittiehed l-ebda inizjattiva fuq bazi individuali. Irċevejna wkoll biex, il-Minuti li jiġu approvati sabiex jiġu *up-loaded* fil-website *www.lc.gov.mt*, peress li qed jirriżulta li ċertu Kunsilli mhux qed jagħmlu dan il-proċess.

   Irċevejna wkoll Memo 72/2009 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nru. 12010 u 12019 li kienu dwar ir-responsabilitajiet tal-kunsillieri u il-vetturi tal-Kunsilli.

2. Mill-A.K.L. dwar il-*Euro-Med Online Youth Network* u wkoll applikazzjoni għal dan ir-rigward. Mingħand Dennis Borg, Segretraju A.K.L., l-avviż għal laqgħa għas-Sindki li ser isir fis-6 u 7 ta' Novembru, 2009, ġewwa Lukanda Palace tas-Sliema u wkoll il-programm.

3. Mingħand is-Sur Mark Mizzi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-Programm 'Neħduk Għawdex', din ser isir bejn id-9 u it-12 ta' Novembru, 2009, għaliha ser tattendi l-Kunsillier Agius.

4. (a) Irċevejna żewġ kwotazzjonijiet rigward it-Tiżjin tat-Toroq għal-ġranet tal-Milied mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp u l-Għaqda Mużikali Santa Marija. Dawn infethu waqt il-laqgha,
l-Ghaqda ta' **San Guzepp** kkwotat:
1000 EURO arlogg tad-dawl u konsum ghas-Socjeta
750 EURO jekk l-arlogg tad-dawl u konsum ikun ghal Kunsill.

L-Ghaqda **Santa Marija** kkwotat:
780 EURO ghat-Tizjin bl'arlogg b'kollox

Il-Kunsill qabel li tintlaqa l-offerta ta' l-Ghaqda ta' Santa Marija li kienet tammonta ghal 780 EURO.

5. Mill-M.E.P.A. irċevejna ittra fejn infurmawna li baqa bilanċ ta' € 9,434 fil-*Urban Improvement Fund.*
Irċevejna wkoll dwar Wirja ta' Gallariji ta' l-injam u l-iskema tal-MEPA ta' Għotijiet ta' flus għar-restawr tagħhom. Irċrevejna wkoll dwar l-oġġezzjoni li l-Kunsill għamel fuq permess ta' żvilupp Nru. PA 4147/09 dwar bini ta' garaxxijiet fi Triq il-Belt Valletta u Sqaq il-Vova.

Applikazzjonijiet ġodda għal permess ta' żvilupp Nru. 4590/09 fi Triq San Filippu sabiex jinbena *pool* f'residenza privata.

6. Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat Konġunt taż-Żejtun is-somma ta' € 116 li tkopri dawk iċ-ċitazzjonijiet li tħallsu qabel is-sistema tal-*pre-pooling*.

7. Mingħand *GreenPak*, għandna tagħrif dwar is-servizzi li joffru lill-Kunsill u wkoll kopja tal-kuntratt għal attenzjoni ta' l-istess Kunsill. Rigward dan, is-Sindku qal li hemm kumpanija mmexxija mill-GRTU li taghti servizz ta' li skips b'xejn u li din l-istess kumpanija thallas lill-Kunsill ta' kemm il-tunellata skart li tigbor. Din il-kumpanijja toffri ukoll gbir ta' skart organiku. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha mas-Sur Joe Attard li jmexxi din il-Kumpanija biex jigbor iktar taghrif.

8. Mingħand Ms Carla Ciscaldi mill-Fondazzjoni Temi Zammmit fl-Imsida dwar *EU Funds Territorial Programmes* li sar fil-5 ta' Novembru, 2009 Dar l-Ewropa, il-Belt.

9. Mingħand is-Sur G. Duca dwar jekk il-Kunsill ikunx interesat li jixtri l-kollezzjoni ta' *Lapel Badges*.

10. Mill-MEUSAC dwar Seminar għar-raħħala, bdiewa u kumpaniji li jopperaw fis-settur agrikolu, li ser isir fl-20 ta' Novembru, 2009, ġewwa l-BOV Centre, Sta. Venera, għal din l-attivita' ser jattendi s-Sindku.

11. Mingħand it-TCTC irċevejna dwar kors ta' *E-BIZ* dan ser ikun iffukat l-aktar għal dawk il-persuni li għandhom xi tip ta' negozju f'din il-lokalita' u wkoll ser jingħata mingħajr ebda ħlas għal individwu. Qed jitlob biss li l-Kunsill joħroġ dan it-tagħrif għal pubbliku. Il-Kunsill qabel li johrog cirkulari dwar dan il-kors.

12. Mingħand il-Kumitat Lokali tal-Partit Laburista Għaxaq, irċevejna stedina għal Kunsillieri u Staff, waħda għall-Kunċert Mużikali li ser isir fl-20 ta' Novembru, 2009 u l-oħra għall-Kommemorazzjoni u Kxif ta' Lapida minn Dr. J. Muscat, Kap tal-Partit Laburista, fid-29 ta' Novembru, 2009. Kulħadd ġie mgħarraf b'dawn iż-żewġ attivitajiet.

13. Mingħand *Alexandra Hotel* fejn infurmatna bil-prezzijiet li joffru għal *coffee mornings* jekk jiġu organizzati mill-Kunsill.

14. Stedina għal Seminar fuq 'Caritas in Veritate' li ser isir fl-20 ta' Novembru, 2009.

15. E-mail mingħand is-Sur Azzopardi dwar problema ta' pparkjar bl-addoċċ ta' karozzi fi Sqaq San Pietru.

16. Irċevejna *set*-menu u wkoll xi *vouchers* għal ġranet tal-Festi mingħand *Passa Parole Bar & Restaurant* ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- (Both mail & e-mail)</u>:-**

a) Lis-Sur Albert Mamo ta' Dipartiment ta' l-Artijiet, dwar xatba li saret mis-Sur J. Abdilla bla permess u li ċerti bdiewa qed jilmentaw fuqha peress li qed jiġu msakkra biha. Irċevejna *acknowledgement*.

b) Intbagħatu żewġ *e-mails* lis-Sur S. Borg u lis-Sur A. Deidun sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill rigward l-impjant taż-żejt li hemm propost fi Triq il-Belt Valletta. Ikkonfermaw li ser jattendu għal laqgħa. Intbagħatet e-mail lil Dr. L. Busuttil l-avukat tal-Kunsill, rigward dan is-suġġett sabiex jattendi għal laqgħa wkoll.

c) Intbagħatet ittra lill-*Enforcement Officer* tal-MEPA dwar ħajt li nbena ħdejn SME's li hemm fi Triq il-Belt Valletta, sabiex inkunu nafu jekk hemmx permess jew le għalih.

d) Il-Kunsill informa lis-Sinjura De Cesare li ser jagħmel attivitajiet simili għal dawk li tkellmu dwarhom fit-8 ta' Diċembru, 2009.

e) Lis-Surmast Skola Primarja, Għaxaq, fejn qed jintalab sabiex jagħti permess li jsir *coaching* tal-*Basketball* wara l-ħin ta' l-Iskola.

4. **<u>Approvazzjoni tal-Clerk</u>**

Dwar l-applikazzjonijiet ghal part-time clerk, minn dawk li gew intervistati il-kandidati ideali kienu is-Sinjuri Rita Said, Sharon Micallef u Eleonora Manicaro.

Rita Said ghandha esperjenza ghax kienet tahdem il-bank kif ukoll it-trasport taghha.
Sharon Micallef qatt ma hadmet u ma ghandhiex esperjenza.

Eleonora Manicaro tidher li ghadha certu maturita, hadmet hafna postijiet kif ukoll Customer Care, ghaldaqstant ghandha tigi kunsidrata bhala l-iktar kandidata ideali ghal dan il-post.

Gie deciz li tintbaghat ittra lis-Sinjura Manicaro biex tigi ghat-tieni intervista. Jekk hi ma taccettax il-Kunsill ghazel li tkun is-Sinjura Rita Said it-tieni ghazla, u lis-Sinjorina Sharon Micallef bhala it-tielet ghazla.

Din il-Clerk tibda bil-paga ta' Scale 15 kif jibdew li skrivani fis-settur pubbliku. Gie deciz li tahdem medja ta' 20 siegha fil-Gimgha inkluz is-Sibt. Din il-persuna tibda tahdem matul il-Gimgha biss sakemm tidra u meta tghamel zewg sibtijiet mas-support service tal-Kunsill tara jekk tkunx kunfidenti bizzejjed biex tahdem l-ufficcju waheda nhar ta Sibt.

**4. <u>Tmexxijja tal-Grawnd</u>**

Dwar it-tmexxijja tal-Grawnd, is-Sur Picco qal li hemm bzonn issir il-Bye-Law biex il-Kunsill ikun jista jigbor flus ghad-dawl li jintuza min dawk li juzaw il-grawnd biex b'hekk ukoll jithallsu li spejjez li jistghu jinqalghu.

Is-Sur Abdilla qal li jehtieg naraw it-talba li se jkun hemm, ghax din mhux se tkun daqshekk kbira. Qal ukoll li l-kbar mhux se juzawh.

Is-Sindku qal li gieh il-hsieb li jsir *partnership* man-*Nursery* u b'hekk jiehdu kollox f'idejhom.

Is-Sur Abdilla barra li qal li trid issir il-bye-law, trid tara ukoll il-kuntratti, kemm tad-devoluzzjoni ta' l-art kif ukoll ta' l-MFA.

Is-Segretarju qalet li fil-kuntratt ta' l-MFA hemm imnizzel li ma jistghax isir profitt mill-grawnd.

Is-Sur Attard qal li jehtieg ikun hemm xi hadd responsabbli.

**5. <u>Progett tankijiet taz-Zejt</u>**

Is-Sindku qal li saru pjanti godda ghal progett tat-tankijiet taz-zejt li hemm l'applikazzjoni tieghu fi Triq il-Belt Valletta. Qal li dawn il-pjanti juru li t-tankijiet gejjin taht l-art u flok 4 se jkun hemm 6 zgħar moħbijin taht l-art.

**F'dan l-istadju l-Kunsill gie sospiz biex saret konsultazzjoni ma esperti fil-qasam Ambjentali.**

**Meta l-Kunsill gie rikonvenut, is-Sindku irraporta is-segwenti biex ikun rekordjat fil-Minuti u sar parti mill-process tas-Seduta**

GĦAXAQ

Is-Sur Steve Borg li kien prezenti ghal laqgha qal li hemm policy dwar il-hazna tal-fuels u li dawn jigu taht l-art hu inkwetanti. Qal ukoll li qabel xejn fil-prossimita hem mil-kappella u din hi ta' wirt storiku. Qal ukoll li l-Kunsill bhala *objector* ghandu jghamel klawsola bis-suggezzjonijiet preokkupanti, issir *audit scheme* dwar in-noise pollution kif ukoll it-traffikku li se jinholoq ta' ingenji kbar. Qal li preokkupanti ukoll il-*ground water directive* minhabba is-saffa ta' l-ilma jekk ikun hemm *leakage* tal-*fuels.*

Is-Sur Vassallo qal li l-Kunsill ghad irid jiddiskutu mal-Kumpanija Falzon u xtaq jaf jekk hemmx persuna li is-Sur Borg jaf li l-Kunsill jista jikkuntattja biex jiehu parir. Qal ukoll li se jitlob lill-kumpanija Falzon biex il-Kunsill iqabbad persuna biex isir *impact assessment* ghas-spejjez ta' Falzon. Is-Sur Borg qal li hu jaf b'persuni li kapaci jaghatu parir, u fost dawn semma l-inginier Marco Cremona.

Is-Sur Abdilla qal ukoll li in-nhar tal-Festi hu parti mill-kultura tar-rahal u tajjeb inkunu nafu jekk dan hux ta' periklu jekk jibqa jittellgha minn fejn isir issa minhabba li hu qrib fejn hemm ippjanat l-impjant.

Is-Sur Alan Deidun li kien prezenti ukoll qal li jahseb li jkun ta' periklu ukoll jekk isir welding fil-garaxxijiet tal-SME's li se jinbnew fil-qrib ta' l-impjant, ghax jahseb li ghalkemm dawn it-tanijiet se jkunu taht l-art xorta jkunu ta' periklu.

Is-Sur Borg qal li dan l-impjant jista il-quddiem jitkabbar u ssir applikazzjoni ghal *Bio Fuels.*

Is-Sur Deidun qal li l-Kunsill jista jghamel kundizzjoni li jekk l-impjant jigi approvat dan ma jitkabbarx jew isir il-fuq mill-art.

Is-Sur Abdilla qal li jehtieg li nghatu importanza ghal hruq tan-nar tal-festi. Qal ukoll li nitolbu forma ta' assessment dwar it-tniggiz ta' l-ilma, it-traffiku u x'effett jista jkollu dan l-impjant u jekk hemmx pjan imhajji jekk jigri incident.

Sar qbil li issir laqgha ohra mal-membri tal-Parlamaent tad-distrett biex jigi diskuss dan l-impjant kif ukoll mal-MEP's ghalhiex dawn ikollhom grupp ta' nies espesti f'certu oqsma li jistghu jghinu f'din id-decizjoni li trid tittiehed.

## 6. Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li is-sala Nazareth se tkun tista tintuza ghal Coffee Morning li ser isir fl-24 ta' Novembru 2009. Qal ukoll li f'dik il-gurnata is-Surmast ta' li Skola Primarja se jistieden lill-President u jkun sewwa jekk niktbu ittra lill-President biex filwaqt li jkun li Skola jasal wasla sas-Sala Nazareth waqt il-Coffee Morning li ser isir b'risq il-Community Chest Fund. I-Kunsill qabel.

Is-Sinjura Agius qalet li jkun ahjar jekk nahsbu ghar-rigali tat-tfal kmieni. Il-Kunsill qabel.

## 7. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

a) Is-Segretarju qalet li l-iskrivana talbet biex tibdel l-uniformi li ilha ghanda. I-Kunsill qabel izda jixtieq li l-uniformi tkun bl-ahdar fiha.

b) Is-Segretarju talbet li jinxtara sellum hafif ghal peruna li tigi tnaddaf l-ufficini minhabba li dak li hemm hu tqil hafna. Il-Kunsill qabel.

c) Is-Segretarju talbet sabiex hi u l-iskrivana jgeddu l-leave li baqalhom ghas-sena id-diehla. Is-Sindku qal li l-leave ghandu jittiehed kollu sa l-ahhar tas-sena. Il-Vici Sindku qal li l-leave ma jistax jiggedded sentejn fuq. Xulxin.

c) Is-Sinjura Agius qalet li tixtieq terga tressaq ilment biex il-kontijiet jingabru kollha il-granet kollha minhabba li nies qeghdin ikollhom jigu darbtejn biex ihallsu kontijiet differenti.

d) Is-Sindku qal li jehtieg li nqabbdu l-Perit tal-Kunsill biex igib stima u sketch biex napplikaw sabiex issir it triq minn Triq il-Kuncizzjoni sa Bir-id-Deheb, kif ukoll minn Triq il-Gudja hdejn il-funtana sa Triq San Filippu. Il-kunsill qabel.

e) Is-Sur Attard qal li hemm mil-htiega li jsiru zewg bozzoz fi Trejqet Santu Kristu. Il-kunsill unanimament qabel.

f) Is-Sinjura Agius qalet li kella lment li hdejn li skrivana ikun hemm ghal certu hin wiehed li kien jahdem mal-Kunsill imma issa ma ghadux. Qalet li nies li jigu biex ikellmu lill iskrivana jiddejqu ghax dan ikun hemm u ma jkunux jistghu jitkellmu kif jixtiequ. Is-Sur Abdilla qal li dan il-persuna tohrog meta jigu in-nies u qal ukoll li se jigbidlu l-attenzjoni.

**Aggornament**

Is-Sindku fid-9.45p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009 fis-6.00p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- it-Hamis 3 ta' Dicembru 2009 fis-6.00pm